# SAQAF IQATTAR

### *Ta'* AMANTE BUONTEMPO

Qattar, ja ilma tas-saqaf,
qattar bil-lejl u bin-nhar:
xbieha ta' demmi li waqaf
jara m'nejn nieżel l-imrar.

Kompli qattarli bla heda
l-għajta ta' ħsejjes ir-ruħ;
tambar fuq rasi bħal xehda
l-għasel ta' nixfet id-dmugħ.

Miegħek smajt jonfoħ madwari,
fl-aqwa tar-rwiefen, is-skiet:
miegħek rajt tnemnem fix-xagħri
leħħa ta' ħajja li nfniet.

Smajtek tħabbarli tal-ġlieda
l-aħħar taqtigħa fil-qrib:
rajtek twassalli tax-xhieda
kitbet is-sewwa ħabib.

Tnixxi mal-ilma li jqattar,
smajt il-ħurħara tal-qerq,
ħalli kif nibda nitmattar,
nifhem l-imgħoddi mill-għerq.

Xejn m'huwa mgħallem tal-ħajja
daqsek, ja qatra li tmut;
ħadd m'hu rebbieħ fuq it-tbajja'
bħalek, ja ilma tal-bjut.

Inti għallimtni nistenna
l-għana tat-telfa tal-ħin:
inti saqqejtli tal-Ġenna
xitel it-tama li tnin.

X'jiswa li tiskot u tieqaf,
meta trid tqattar mill-ġdid?!
Bħalek, bil-qiegħda jew wieqaf,
naqdi bis-saħħa w marid!

Bħalek kull naqra ta' tjieba
timla sax-xifer barmil:
filli jitbattal ġo ġiebja,
filli jinħela f'ħasil.

Imma bil-ħoss ta' kull qatra
jikxef moħbietu kull żmien;
w inti stampajtli fis-satra
l-isem li juri min jien.

Fhimt tul il-lejl li qattartli,
ilma tas-saqaf ġerrej,
l'inti bi kliemek bassartli
x'rebħa nistenna f'li ġej.

13/5/1969.